

Brussell, 18 ta' Novembru 2024  
(OR. en)

15543/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0250(NLE)**

---

---

**MAR 197  
OMI 116  
ENV 1106  
CLIMA 405**

### **NOTA PUNT "I/A"**

---

|                |  |
|----------------|--|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Nru dok. Cion: | 14511/21   |
| Suġġett:       | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fil-109 sessjoni tiegħu fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx (Kodiċi IGF) |

---

### **INTRODUZZJONI**

1. Fl-14 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni matul il-109 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima ("MSC 109") tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx ("Kodiċi IGF").
3. L-emendi għall-Kodiċi IGF, li huma mistennija jiġu adottati matul l-MSK 109, ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

4. L-emendi huma konformi mal-obiettivi tal-Unjoni li ttejjeb is-sikurezza marittima, u li tiproteġi l-ambjent tal-baħar u s-saħħa tal-bniedem.

## **ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

5. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-23 ta' Ottubru u fl-4 ta' Novembru 2024. Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentata f'dik l-aħħar laqgħa ġiet aċċettata mid-delegazzjonijiet.
6. Matul id-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma, bosta delegazzjonijiet esprimew nuqqas ta' qbil mal-Kummissjoni li qed tippretendi kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-Kodiċi tal-IGF.
7. Konsegwentement, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu qabel li jadatta l-proposta, sa fejn ikun rilevanti, għal Deċiżjonijiet preċedenti simili tal-Kunsill, inkluż is-salvagwardji dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u dwar l-eżerċizzju tal-kompetenza bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.
8. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.
9. Wara l-qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

## **KONKLUŻJONI**

10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 15326/24, imħejji mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni f'sessjoni futura.
11. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.